MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Numru 463/2003

Il-Pulizija
(Sp Louise Vella)
vs
John Galdes, iben Rosario,
imwieled Pieta' fit-3 ta' frar,
1975

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-10 ta' mejju, 2003, għal ħabta tas-sebgħa ta'
fil-għaxija, fl-inħawi ta' Ħal-Far, Birżebbuġia u/jew bnadi oħra, f'dawn il-Gżejjer –

1. b'egħmil żieni kkorompa lil Ruth Azzopardi, minuri ta' erbtax il-sena f'post pubbliku jew post espost għall-pubbliku;
2. offenda l-pudur jew il-morali b'egħmil li sar f'lok pubbliku u/jew f'lok espost għall-pubbliku;

3. talli kiser il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta skond sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-5 ta' mejju, 2003.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' mejju, 2003 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 203(1) u 209 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A
tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali sentenza ma għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk fi żmien sena mil-lum l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija. Inoltre, tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħamsin liri maltin (Lm50).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------